

Parti mill-mijiet kbar ta' pellegrini li ħonqu l-Pjazza tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu għall-Velja ta' l-Assunta.

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Anna Marie u Christiane Cassar mill-Għarb, li taw is-sehem tagħhom biex seta' jittella' l-power point Pellegrini lejn is-Sema Pajjiżna.

# Velja ta' l-Għid ta' l-Assunta

Għat-tnax-il sena konsekuttiva f'Ta' Pinu, saret il-Velja ta' l-Għid ta' l-Assunta, bit-tema Pellegrini lejn is-Sema Pajjiżna. Mijiet ta' Għawdxin fosthom aktar minn sitt mitt pellegrin li telgħu Għawdex apposta f'pellegrinaġġ organizzat mid-direzzjoni ta' Radju Marija, ħonqu l-Pjazza tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu fejn ipparteċipaw fil-kant tas-salmi u fil-quddiesa tal-vġili u ħafna minnhom baqgħu fis-Santwarju għal-lejl ta' adorazzjoni ewkaristika mmexxi minn Mons. Rużario Ġużeppi Borg.

Sittax-il saċerdot, fosthom id-Direttur ta' Radju Marija Fr Charles Fenech, ikkonċelebraw flimkien ma' Dun Eddie Vella. Għal ħafna ħin kien preżenti wkoll Mons. Isqof Mario Grech li ta messaġġ ta' l-okkażjoni.

L-ewwel lezzjoni nqrat minn Carmen Cuschieri minn Ħ'Attard, Malta waqt li John Borg minn San



Dun Eddie Vella, mill-Għarb u li għamel snin ta' ħidma pastorali fl-Awstralja, jidher waqt l-omelija tiegħu ta' l-okkażjoni.



Claude Cushieri minn Ħ'Attard, Malta waqt il-kant tas-salmi.

Lawrenz, Għawdex qara t-tieni lezzjoni.

Dorienne Portelli mir-Rabat Għawdex kantat is-salm responsorjali, waqt li Claude Cuschieri qara l-antifona, Salm 16. Joe Mejlak minn Għajnsielem imma li joqgħod fil-parroċċa tan-Nadur mexxa l-kant 'L-Għid ta' l-Assunta'. Il-Vanġelu nqara mill-Viċi Rettur tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, Dun Joe Bajada, li hu mill-Parroċċa tax-Xagħra.

Il-Kor li mexxa l-kant kien iffurmat minn żgħażagħ minn madwar il-Gżira Għawdxija, taħt id-direzzjoni ta' Marlene Cauchi.

Animaw il-quddiesa Josephine Sultana u Frankie Rapa mill-Parroċċa tax-Xagħra.

Anna Marie u Christiane Cassar mill-Parroċċa tal-Għarb għenu biex seta' jsir il-Video Pellegrini lejn is-Sema Pajjiżna, liema Video inħadem mill-kuġina tagħhom Francine Caruana.

L-organizazzjoni kienet f'data f'idejn il-Viċi Rettur tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, il-Kanonku Mikiel Galea mill-Parroċċa tal-Għarb.

Fl-omelija tiegħu, Dun Eddie beda biex fakkar lil dawk kollha preżenti fi ġrajja li ġrat sitta u sittin sena ilu, eżatt bħal dak il-lejl, fejn wieħed patri Franġiskan kien qiegħed imut f'kamp ta' konċentrament. Hu kien offra ħajtu minflok missier ta' familja li flimkien ma' disgħa oħra kellu jiġi maqtul bil-ġuħ u bil-għatx bi tpattija talli kien ħarab wieħed mill-priġunieri. Hu biss kien għadu ħaj u f'sessih, u għalhekk iddeċidew li jneħħulu ħajtu permezz ta' injezzjoni ta' velenu qawwi. X'ħin dak li kien ser jinjettah bil-velenu qallu x'kien ser jiġri, Massimiljanu Kolbe, għax hekk kien jismu, staqsieh x'ġurnata kienet dak inhar. Dak ir-raġel bl-injezzjoni lesta f'idu qallu, *"fi ftit sigħat oħra jkun il-15 ta' Awwissu"*. San Massimiljanu Marija Kolbe, għax dan il-patri llum huwa qaddis wiegħu, *"Mela se jkolli xxorti li niċċelebra l-festa ta' l-Assunta ma' Marija l-Ġenna"*.

Għalfejn inġbarna hawn illejla, x'ser nieħdu magħna minn hawn, staqsa Dun Eddie. It-tweġiba tiegħu kienet li "inġbarna biex niċċelebraw dik il-fidi li wasslet lil dan il-patri biex jagħti ħajtu flok dak il-missier ta' familja. Kemm jinstemgħu sbieħ u f'posthom il-kelmiet li smajna fit-tieni qari tal-lum ***"Fejn hija mewt ir-rebħa tiegħek? Fejn hija mewt in-niggiża tiegħek? In-niggieża tal-mewt hu d-dnub... nirringrazzjaw lil Alla li tagħna r-rebħa permezz ta' Sidna Ġesu' Kristu"***. Iva, għax ir-rebħa l-ewwel u qabel kollox hi ta' Ġesù Kristu, li llum qiegħed isieħeb miegħu b'mod sħiħ lil Ommu Marija.

"Għeżież ħuti hemm ħaġa oħra importanti li niftakru; din il-festa ta' l-Assunzjoni ma tridx tkun għalina biss qisu xi nkwadru sabiħ li nħarsu lejh, nitgħaxxqu bih u daqshekk, nitilqu u mmorru lejn id-dar u ninsew kollox. Ejjew inħarsu lejn il-qamar sabiħ. Il-qamar li jdawwal il-lejl, ma jagħtiniex id-dawl tiegħu, iżda jirrifletti d-dawl tax-xemx, fil-lejl mudlam. Hekk Marija hija tirrifletti perfettament id-dawl li hu Ġesù. U għalhekk illum trid tgħidilna xi ħaġa importanti lilna lkoll.

"Naħseb li l-ewwel ħaġa li tgħidilna din ommna llum fil-festa tagħha toħroġ mill-vanġelu tal-lum. Kif smajna dik il-mara li faħħret lil Ġesù u qaltlu, ***"Ħieni l-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt"***. Iżda Gesu' kien pront qalilha, ***"Ħienja aktar huma dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jagħmlu dak li jrid hu"***. Forsi ma' l-ewwel daqqa ta' għajn dak li qal Ġesù jidher qisu qiegħed ibaxxi lil ommu. Però Ġesu' jrid jgħid li Ommu hija aktar hienja għax semet il-Kelma ta' Alla u għamlet dejjem ir-rieda tiegħu milli għax ħabbet fid-dinja lilu. Anzi hija setgħet tagħti lil Ġesù lid-dinja għaliex kienet dejjem il-qaddejja tal-Mulej. Għalhekk l-ewwel ħaġa li tgħidilna Marija llum hija din, ***"agħmlu dak li jgħidilkom Hu,"*** jiġifieri Ġesu'. Dak hu l-kmandament ta' Marija. M'hemmx ħaġa isbaħ minn din fil-ħajja meta l-bniedem jagħmel dak li jrid minnu l-Mulej. U ma hemmx ferħ akbar minn dak li wieħed iħossu parti mill-pjan ta' Alla.

"Imma mhux dejjem faċli fil-ħajja nagħmlu dak li jrid il-Mulej, xi drabi nħossu s-salib tqil, xi drabi naħbtu naqtgħu qalbna, xi drabi jersaq ix-xitan u jittentana billi jgħidilna, "u mela Alla jħobbok, kieku kien iħobbok kien ser iħallik tbati hekk, kien ser jinsiek b'dan il-mod".

U għalhekk it-tieni ħaġa li tgħidilna ommna Marija llum hija: ħarsu lejja u emmnu li Alla lil dak kollu li hu ħażin u li jdejjaqna, lil dak kollu li hu ikrah, lid-dnub, lit-tbatija u lill-mewt, Alla għamlilhom sinjal u qallhom sa hawn taslu intom u mhux aktar. Ommna Marija qiegħda tgħidilna llum, jien ukoll għaddejt mit-tbatija tas-salib, iżda issa wasal iż-żmien li ngawdi fil-ferħ ta' dejjem, u li nħalli warajja għal dejjem is-salib bit-tbatija li ġab miegħu. Emmnu għalhekk li ġurnata waħda intom ukoll għad tgħixu għal dejjem mingħajr it-toqol tas-salib, tal-mard, tad-dnub u tal-mewt.

"U fl-aħħar naħseb li Marija qiegħda tgħidilna llum, "Emmnu dejjem li l-ħajja hija rigal sabiħ ta' Alla. Hija l-isbaħ rigal li tagħkom Alla. Għożżuh dan ir-rigal, anke meta jiġi mument ta' dlam, għax Alla ma tahulkomx għal ftit jiem ta' ħajja fuq din l-art, iżda tahulkom għal dejjem".

Dun Eddie spiċċa l-omelija tiegħu ta' l-okkażjoni b'appell ta' ferħ u ta' grazzi lill-Mulej f'dan il-lejl qaddis. "...Għandna tassew għaliex nifirħu, għaliex Marija qiegħda ssejħilna biex dejjem nkunu qrib ta' binha Ġesù biex hekk ġurnata waħda nifirħu għal dejjem magħhom fis-sema".



Mument waqt il-power point Pellegrini lejn is-Sema Pajjiżna, fil-Pjazza tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu.



Dun Eddie Vella jerfa' lit-tifla Emma Anne Sultana, t'erba' snin, mix-Xagħra, li waqt il-ħin tat-tlugħ ta' l-offerti fuq l-artal, xtaqet ħafna illi hi wkoll twassal warda lil Madonna. Warajha tidher omma Josephine.

**APPELL lill-Għaqdiet Maltin**

Irriklamaw l-attivitajiet tagħkom bi ħlas, b'hekk tkunu qed tgħinu fil-kontinwità tal-pubblikazzjoni ta' din l-unika gazzetta bil-Malti.

**Għal kull informazzjoni ċemplu (02) 9637 9992**